



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-140/15

Aurora Srl

vs

L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti

“Drittijiet ta’ varjetajiet ta’ pjanti – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Varjetà ta’ pitrivi għaz-zokkor M 02205 – Artikolu 20(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 – Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2100/94 – Karattru distint tal-varjetà kandidata – Eżami tekniku – Proċedura quddiem il-Bord tal-Appell – Obbligu li jiġu evalwati b’kura u b’imparzjalità l-provi rilevanti kollha tal-każ ineżami – Setgħa diskrezzjonali ta’ riforma”

Sommarju– Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tat-23 ta’ Novembru 2017

1. *Proċedura ġudizzjarja — Rikors promotur — Rekwiżiti formali — Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati — Neċessità ta’ referenza espressa għad-dispożizzjonijiet abbażi tar-rikors — Assenza — Żball fil-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet — Assenza ta’ impatt fuq l-ammissibbiltà tar-rikors*

[Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 21(1) u 53(1); Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 76(d)]

2. *Agrikoltura — Leġislazzjonijiet uniformi — Drittijiet ta’ varjetajiet ta’ pjanti — Dikjarazzjoni ta’ invalidità ta’ dritt mogħti indebitament — Setgħa diskrezzjonali tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti — Reviżjoni tal-varjetà protetta — Kundizzjonijiet — Dubji serji fir-rigward tal-legalità tal-għoti tal-protezzjoni — Oneru tal-prova*

(Regolament tal-Kunsill Nru 2100/94, Artikoli 7, 10, 20, 54 u 55)

3. *Agrikoltura — Leġislazzjonijiet uniformi — Drittijiet ta’ varjetajiet ta’ pjanti — Eżami tekniku — Setgħa diskrezzjonali tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti — Portata — Limiti*

(Regolament tal-Kunsill Nru 2100/94, Artikoli 7(1) u 56(2))

4. *Agrikoltura — Leġislazzjonijiet uniformi — Drittijiet ta’ varjetajiet ta’ pjanti — Proċedura ta’ appell — Rikors ippreżentat kontra deċiżjoni tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti u mressaq quddiem il-Bord tal-Appell — Investigazzjoni ex officio tal-fatti — Obbligu li jiġu eżaminati b’attenzjoni u b’imparzjalità l-elementi rilevanti kollha — Portata*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 41(1); Regolament tal-Kunsill Nru 2100/94, Artikolu 76; Regolament tal-Kummissjoni Nru 874/2009, Artikolu 51)

5. *Agrikoltura — Leġislazzjonijiet uniformi — Drittijiet ta’ varjetajiet ta’ pjanti — Proċedura ta’ appell — Rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni — Portata tal-istħarriġ — Evalwazzjoni tal-legalità skont elementi ta’ informazzjoni disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni*

(Regolament tal-Kunsill Nru 2100/94)

6. *Agrikoltura — Leġiżlazzjonijiet uniformi — Drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti — Proċedura ta' appell — Rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni — Fakultà għall-Qorti Ġenerali li tirrifirma d-deċiżjoni kkontestata — Limiti*

(Regolament tal-Kunsill Nru 2100/94, Artikolu 73(3))

1. Ma huwiex meħtieġ li parti tinvoka espressament id-dispożizzjonijiet li fuqhom tibbaża l-motivi mqajma minnha. Huwa biżżejjed li l-għan tat-talba ta' din il-parti kif ukoll il-provi ta' fatt u ta' dritt prinċipali li t-talba hija bbażata fuqhom ikunu esposti fir-rikors b'ċarezza suffiċjenti. Dan japplika, *mutatis mutandis*, fil-każ ta' żball fil-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fuqhom huma fondati l-motivi ta' rikors.

(ara l-punt 38)

2. L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' dritt ta' varjetà ta' pjanta, fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2100/94, dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità. Għaldaqstant, huma biss dubji serji dwar il-fatt li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 jew 10 ta' dan ir-regolament ikunu ssodisfatti fid-data tal-eżami previst fl-Artikoli 54 u 55 tal-imsemmi regolament li jistgħu jiġġustifikaw eżami mill-ġdid tal-varjetà protetta permezz tal-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità fuq il-bażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2100/94. F'dan il-kuntest, terz li jkun qiegħed jitlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità ta' dritt ta' varjetà ta' pjanta għandu jipproduċi provi u elementi fattwali sostanzjali li fuqhom ikunu jistgħu jiġu bbażati dubji serji dwar il-legalità tal-għoti tad-dritt ta' varjetà ta' pjanta mogħti wara l-eżami previst fl-Artikoli 54 u 55 tal-imsemmi regolament.

(ara l-punti 57, 58)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 62, 70)

4. Skont l-Artikolu 51 tar-Regolament Nru 874/2009, li jstabbilixxi r-regoli ta' implementazzjoni tar-Regolament Nru 2100/94 fir-rigward tal-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO), id-dispożizzjonijiet dwar il-proċedimenti miftuħa quddiem is-CPVO japplikaw *mutatis mutandis* għall-proċedimenti fl-appell. Għalhekk, minn naħa, il-prinċipju ta' investigazzjoni *ex officio* tal-fatti previst fl-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 2100/94, li jstabbilixxi sistema ta' drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti, japplika wkoll f'tali proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tas-CPVO. Min-naħa l-oħra, il-Bord tal-Appell huwa wkoll marbut mill-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li skont dan għandu jeżamina b'kura u imparzjalità l-elementi kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti tal-kawża quddiemu.

Konsegwentement, fil-preżenza ta' allegazzjoni li tgħid li l-karattru distint ta' varjetà kandidata għandu jkun stabbilit abbażi tad-dejta dwar il-varjetà ta' referenza li tirriżulta mid-deskrizzjoni uffiċjali tagħha u mhux fuq il-bażi tar-riżultati miksuba wara testijiet ta' paragun fuq pjanti kultivati, huwa l-Bord tal-Appell li għandu jagħmel użu mis-setgħat estiżi ta' investigazzjoni tiegħu, skont l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 2100/94, sabiex jivverifika l-orijini tan-noti ta' espressjoni tal-varjetà ta' referenza mniżżla fil-verżjonijiet ta' qabel tal-aħħar u tal-aħħar rapport ta' paragun ta' distinzjoni u li jislet il-konsegwenzi minnhom. Fil-fatt, konformement mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Bord tal-Appell għandu jeżamina b'kura u b'imparzjalità ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha biex jevalwa l-validità tad-drittijiet Komunitarji inkwistjoni u li jgħaqqad l-elementi ta' fatt u ta' liġi kollha neċessarji għall-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali.

(ara l-punti 72-74, 76, 77)

5. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 83)

6. Is-setgħa ta' riforma tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) rikonoxxuta lill-qorti tal-Unjoni ma għandhiex l-effett li tagħti lil din il-qorti s-setgħa li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik ta' Bord tal-Appell tas-CPVO u, lanqas li twettaq evalwazzjoni li fuqha l-imsemmi Bord tal-Appell għadu ma ddeċidiex. B'hekk, l-eżerċizzju tas-setgħa ta' riforma għandu, bħala prinċipju, jiġi limitat għal sitwazzjonijiet li fihom, wara li tkun studjat ir-raġunament tal-Bord tal-Appell, il-qorti tal-Unjoni tkun tista', abbażi tal-elementi ta' fatt u ta' liġi kif ikunu stabbiliti, tiddetermina d-deċiżjoni li l-Bord tal-Appell kellu jadotta.

(ara l-punti 90, 91)